MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 804/2009

**Vodafone Malta Limited
(C - 10865)**

**vs**

**Wayne Caruana
(I.D. 583577M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' erba' mija u sitta u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmi (€426.84), in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99231912.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data meta l-ammont

pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u sitta u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmi (€426.84), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------